MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Numru 710/2008

Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Cassar)

vs

Louis sive Horace Cassar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identità numru 507162(M) akkuzat talli fit-3 ta' Awissu, 2008 ghall-habta tas-19:00hrs gewwa Triq Salvatore Cachia Zammit, Birzebbuga:

1. ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni EBI 739 ghad-dannu ta' Carmel Debattista u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u

erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn tliet mija u disghin u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. talli fl-istess data, hin u f'dawn il-gzejjer xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentament b'kull mod li jkun imdahhal biex ibieghhom jew imexxihom liema reat jikkonsisti f'serq li huma aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;
3. u talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè hsarat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBI 739 liema ammont ta' hsara ma tiskorrix l-elf u mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), ghad-dannu ta' Carmel Debattista;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' l-imputat li huwa recediv ai termini ta' 49, 50 u 289(1) u dan wara diversi sentenzi li saru definittivi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'serq aggravat bil-mezz u bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa bi hsara volontarja u li hu ricediv u b'ricettazzjoni.

L-ammisjoni tal-imputat hija wahda volontarja u inkondizjonata u din l-Qorti fuq ix-xhieda u provi ohra fl-atti hi propensa li taccetta li r-reat applikabbli ghandu jkun dak ta' ricettazzjoni li hi akkuza alternattiva ghal dik tas-serq. Dan ghandu johrog wisq car mill-fatt, li waqt li fil-jum de

quo saru diversi serqiet ta’ radjijiet minn karozzi, fil-pussess tal-imputat instab li kellu wiehed. Il-provi jistabilixxu b’mod cert li r-radju kien wiehed fost dawk li kienu nsterqu f’dak il-jum minn Birzebbuga. Inghad dan l-imputat apparti l-ammisjoni tieghu gie rez hati tar-reat ta’ ricettazzjoni ghaliex fil-veru sens tal-kelma ghalaq ghajnejh ghal jekk ir-radju kienx misruq jew le.

Dwar il-piena l-Qorti ma tistax ma tosservax li mill-fedina penali tieghu l-imputat ghandu diversi reati precedenti ta’ serq. Mill-banda l-ohra trid il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-valur tal-oggett, li gie ritornat, stante, wkoll li l-aggravanti tas-serq ma jirrizultawx lanqas dak tal-valur; dana ghaliex l-Qorti mhux qeghda ssib l-imputat hati ta’ serq izda ta’ ricettazzjoni. Lanqas ma treggi l-akkuza tal-hsara volontarja billi din ma gietx kkawzata mill-imputat. Ir-ricediva però tirrizulta.

Rat ghalhekk l-Artikolu 334(a), 284, 285, 49, 50 u 31 tal-Kap 9 u billi l-kaz minhabba l-precedenti ta’ serq tal-imputat jimmerita l-prigunerija effettiva, qeghda tikkundannah sitt xhur prigunerja bit-tnaqqis ta’ kull perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------